*76 sena ilu waslet f'Birkirkara.......*

# Il-Qanpiena l-Kbira • 1932 - 2008



Din is-sena l-poplu Karkariż, flimkien ma' l-irħula tal-viċinanzi, meta jisimgħu t-tokki tal-qanpiena l-kbira ta' Birkirkara, iridu jiftakru li din issa għalqet 76 sena mill-wasla tagħha. Bla dubju, il-Karkariżi huma kburin li jħaddnu fit-tempju tagħhom l-akbar qanpiena f'Malta.

Din il-qanpiena hija popolari mhux biss mal-Karkariżi iżda ma' firxa wiesgħa ta' ħafna aktar nies. Issib min imur proprju għall-festa ta' Santa Liena sabiex jisma' t-tokki sodi u espressivi tal-qanpiena l-kbira. Din il-qanpiena nħadmet fil-bronz mid-Ditta Propero Barigozzi ta' Milan fil-bidu tat-tletinijiet. Dan sakemm ġiet imbierka mill-Isqof ta' dak iż-żmien Dom Mawru Caruana nhar il-Ħadd 24 ta' Jannar, 1932, u ttellgħet fl-istess ġurnata. It-tlugħ tagħha tħalla f'idejn l-imgħallem Karkariż Filippu Sammut (magħruf bħala Lippu l-Lupu) li b'għaqal tella' din il-qanpiena tant kbira f'postha fil-kampnar tat-tramuntana tal-Kolleġġjata li mill-bidunett kien inbena usa minn ġewwa. Biex il-qanpiena sabet postha fil-kampnar ħadet madwar siegħa u kwart.



Tajjeb li jingħad li din il-qanpiena kienet ġiet intonata mill-magħruf kompożitur ċelebri Malti Karlu Diacono, li twieled fl-1 ta' April, 1876, ġewwa ż-Żejtun, u miet fl-14 ta' Ġunju, 1942. Bla dubju, il-Karkariżi fittxew il-persuna adatta sabiex jintona l-qanpiena biex tikkumplementa lis-sett ta' qniepen li diġa' kellhom.

Din il-qanpiena tiżen 100 qantar u 9 rtal mingħajr l-ilsien li waħdu jiżen 5 t'iqnatar. Dak iż-żmien kienet swiet 1,300 lira. Din il-qanpiena hija 10 piedi u 3 pulzieri għolja b'dijametru ta' 8 piedi. Saret fi żmien it-tmexxija tal-Prepostu/Arcipriet Kan. Karm Bonnici DD, BLCan. (1896-1961) li serva f'din id-dinjita' bejn l-1924 u l-1935. Kien wieħed mill-iżgħar Preposti li servew f'din



il-kariga. Il-Kan Karm Bonnici kien mimli bl-enerġija u għalhekk stinka sabiex il-Karkariżi jaqtgħu xewqithom billi jkollhom l-akbar qanpiena fil-gżejjer Maltin.

Din il-qanpiena l-kbira serviet u għadha sservi għal diversi attivitajiet li jseħħu fil-Kolleġġjata Bażilika ta' Birkirkara. Ibda mit-tokki li jindaqqu fil-festi titulari li jsiru bil-kbir u b'għożża f'Birkirkara 'ad unur' ta' l-Imperatriċi Awgusta Sant'Elena u matul is-Solennitajiet Liturġiċi kollha. U naħseb jaqblu diversi nies miegħi li l-isbaħ tokk ta' din il-qampiena l-kbira hu bla dubju li jsir eżattament nhar il-Ħadd f'Jum il-Festa meta mat-8am bumm jitlaq l-ewwel tokk bħala sinjal tal-ħruġ tal-purċissjoni u l-istatwa meraviljuża ta' Sant'Elena tfiġġ fil-bieb prinċipali. Wieħed irid isemmi wkoll li meta jmut xi membru mill-Kapitlu tal-Kolleġġjata, bħala sinjal il-qanpiena l-kbira ssemmha leħinha wkoll.

Fil-Kolleġġjata Elenjana kien hemm id-drawwa li kull meta jkun hemm seduta ġenerali tal-Kapitlu li fiha jiġu diskussi materji ta' importanza fit-tmexxija tal-Kolleġġjata, is-Sagristan sa minn qabel jagħmel tokki bil-qanpiena l-kbira bħala sinjal għall-laqgħa li l-aġenda tagħha l-Kapitulari jkunu infurmati biha għall-anqas tlett ijiem qabel. Dan kollu twaqqaf fi żmien it-Tieni Gwerra Dinija. Pero' d-drawwa tkompliet aktar tard wara l-gwerra u llum il-ġurnata, kull tielet ħamis tax-xahar jindaqqu t-tokki li juru li l-Prepostu ser ilaqqa' lill-Kapitlu. Il-qanpiena l-kbira ssemma wkoll leħinha meta tinzerta l-festa ta' Santa Marija. Il-Kapitlu ghandu l-obbligu li jiċċelebra l-festa ta' l-Assunta billi t-twaqqif tal-Kolleġġjata fl-1630 sar proprju fil-Knisja ta' Santa Marija, illum magħrufa bhala l-Knisja l-Qadima.

Aktar milli popolari f'Malta biss, din il-qanpiena l-kbira tal-Funderija Barigozzi hija magħrufa wkoll barra minn Malta. Niftakar li anke fuq flixken ta' l-alkoħol kienet tissemma din il-qanpiena. Il-kliem b'altoriliev fuq il-qampiena l-kbira bil-latin jghid hekk... *Laudate Dominum Omnes Gentes* li tfisser *Faħħru lill-Mulej Intom ġnus Kollha.* U bix-xieraq għax din il-qanpiena l-kbira bil-ħoss uniku tagħha thabbarlek u tfakkrek xi jkun qed iseħħ fil-Bażilika Kolleġġjata ta' Birkirkara.

Iva...il-qanpiena l-kbira hija waħda mill-aktar opri kbar u miżmuma b'tant għozza li jżejnu t-Tempju Elenjan. L-opri kbar ikomplu jikkonfermaw l-istorja kbira u twila li turi kif din il-Kolleġġjata Prinċipali ta' dawn il-gzejjer kienet u tibqa' l-għaxqa tal-Karkariżi !

**Silvio Cassar**

27 ta' Mejju, 2007
Jum l-Għid il-Ħamsin.

Riferenzi
Knisja Kolleġġjata Santa Elena. Ħamsin Sena Bażilika 1950-2000.
360 Sena Kolleġġjata. Pubb. Ven. Soċjeta' Don Filippo Borgia, Birkirkara.

*N.B. Dan l-artiklu kellu jiġi ppubblikat is-sena l-oħra biex jitfakkar il-75 anniversarju mill-wasla tal-qampiena l-kbira imma minħabba li l-festa ma saritx, dan l-artiklu ma setax jiġi ippubblikat. Għalhekk jien nixtieq niddedika dan l-artiklu lil dawk sħabna li s-sena l-oħra b'xorti ħażina tilfu ħajjiethom waqt id-delizzju tagħhom. Huma kienu qed jaħdmu l-logħob tan-nar sabiex isebbħu, ilewnu u jkabbru l-festa tant għażiża u mistennija ta' Sant'Elena Imperatriċi Augusta Patruna tal-Karkariżi.*